



## **Gwida dwar is-sottomissjoni fuq il-Portal għall-finanzjament u għall-offerti**

**Promozzjoni ta' Prodotti Agrikoli (AGRIP)**



Jannar 2022

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Dan id-dokument għandu l-għan li jkun ta' gwida għall-applikanti potenzjali għall-kofinanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni u promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli.

Aktar informazzjoni ġenerali dwar is-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' proposti tal-UE tinsab fil-Manwal Online:

[https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/om\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/common/guidance/om_en.pdf)

Il-formoli u l-mudelli tal-Web attwali pprovduti fis-sistema ta' sottomissjoni tal-proposti online fuq il-“Portal ta' Opportunitajiet għall-Finanzjament u għall-Offerti” jistgħu jvarjaw mill-eżempji ppreżentati f'din il-gwida.

Jekk ikollok xi suġġerimenti jew kummenti dwar kif tittejjeb din il-Gwida, jekk jogħġbok ibgħat email lill-Helpdesk fuq [REA-AGRI-GRANTS@ec.europa.eu](mailto:REA-AGRI-GRANTS@ec.europa.eu).

## DAĦLA

Din il-gwida hija mfasla biex tgħinek fis-sottomissjoni ta' informazzjoni online u programmi ta' promozzjoni dwar prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi.

Għajjnuna teknika dwar is-sottomissjoni tal-proposta u tweġibiet għall-mistoqsijiet li jista' jkollok dwar dan il-proċess tista' ssibhom fil-**Manwal Online** tal-UE għall-Finanzjament u għall-Offerti.

F'każ ta' aktar mistoqsijiet, huma disponibbli wkoll l-għażliet li ġejjin:

- Informazzjoni dwar kif tirreġistra jew mistoqsijiet relatati: ikkonsulta l-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti fuq: <https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home>
- Helpdesk tal-IT: it-talbiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-paġna ta' Għajjnuna fuq: <https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/support/support>

**Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Helpdesk biss wara li tkun ippruvajt issib l-informazzjoni fid-dokumentazzjonijiet li huma pprovduti lilek.**

## WERREJ

DAFLA.....	2
GLOSSARJU.....	4
SOTTOMISSJONI TA' PROPOSTI .....	5
1. PASSI PREPARATORJI .....	5
1.1. Illoggja fil-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti billi tuża l-Kont tal-EU Login tiegħek.....	5
1.2. Irreġistra l-organizzazzjoni tiegħek fir-Reġistru tal-Benefiċjarji .....	6
2. ĦOLQIEN TA' PROPOSTI.....	6
2.1. Agħżel sejħa u suġġett.....	7
2.2. Formola ta' applikazzjoni.....	7
2.2.1. <i>Parti A – Formola amministrattiva</i> .....	7
2.2.2. <i>Parti B – Parti narrattiva</i> .....	8
3. TLESTIJA TAS-SOTTOMISSJONI.....	9
3.1. Skadenza għas-sottomissjoni .....	9
3.2. Rikonoxximent tar-riċevuta.....	9
3.3. Kif għandu jintbagħat ilment.....	10

## GLOSSARJU

**Il-Portal ta' opportunitajiet għall-Finanzjament u għall-Offerti (FTP)** huwa s-sit web li jospita l-informazzjoni dwar il-finanzjament tal-Orizzont Ewropa kif ukoll ta' programmi Ewropej oħra, inkluż il-Promozzjoni ta' Prodotti Agrikoli.

**EU Login** huwa s-Servizz ta' Awtentikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (ECAS). Dan huwa s-sistema ta' lloggjar għal firxa sħiħa ta' siti web u servizzi online mmexxija mill-Kummissjoni Ewropea.

**Ir-Reġistru tal-Benefiċjarji** huwa r-reġistru online tal-Kummissjoni Ewropea tal-benefiċjarji li jipparteċipaw fil-Promozzjoni ta' Prodotti Agrikoli u programmi oħra tal-Unjoni.

**Il-Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Parteċipant (in-numru PIC)** huwa kodiċi ta' 9 ċifri li jiġi riċevut malli titlesta r-reġistrazzjoni tal-entità online.

## SOTTOMISSJONI TA' PROPOSTI

Is-Sejñiet għal proposti għal miżuri ta' informazzjoni u promozzjoni se jgawdu mill-użu tas-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni li ġiet żviluppata oriġinarjament għall-programmi tar-Riċerka tal-Orizzont Ewropa.

**Is-sottomissjoni ta' applikazzjoni hija possibbli biss online permezz tas-Servizz għas-Sottomissjoni Elettronika tal-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti u qabel l-iskadenza tas-sejña.**

Il-link għas-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni jinsab fuq:  
<https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/programmes/agrip>

**Għal mistoqsijiet dwar l-għodod ta' sottomissjoni online** (bħal passwords minsija, drittijiet ta' aċċess u rwoli, aspetti tekniċi tas-sottomissjoni ta' proposti, eċċ.), **ikkuntattja lill-helpdesk tal-IT imwaqqaf għal dan il-għan permezz tas-sit web tal-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti:**

<https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/support/helpdesks/contact-form>

Innota li huma meħtieġa r-rekwiżiti tekniċi minimi għall-użu tas-sistema ta' sottomissjoni online. Dawn huma deskritti fi:

<https://webgate.ec.europa.eu/funding/display/ECResearchGMS/Minimum+Technical+Requirements+WebForm> (aċċessibbli bil-kont tal-EU login tiegħek, ara l-kapitolu 1.2.).

### 1. PASSI PREPARATORJI

#### 1.1. Illoggja fil-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti billi tuża l-Kont tal-EU Login tiegħek

Sabiex tuża s-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni, l-ewwel jeħtieġ li toħloq kont tal-utent, dak li hu msejjaħ kont tal-EU Login.

Biex tagħmel dan, kulma trid tagħmel, tidħol fil-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti hawnhekk:

<https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/how-to-participate/how-to-participate/1/1>

Jekk m'għandekx kont tal-utent tal-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti: kemm tagħfas fuq "REGISTER" (IRREĠISTRA) (fir-rokna ta' fuq tal-lemin maġenb "LOGIN" (ILLOGGJA)) u tirreġistra online.

Jekk diġà għandek kont tal-utent tal-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti: tista' tilloggja (aġħfas fuq "LOGIN" (ILLOGGJA) fir-rokna ta' fuq tal-lemin) u ibda daħħal l-informazzjoni meħtieġa.

## 1.2. Irreġistra l-organizzazzjoni tiegħek fir-Reġistru tal-Benefiċjarji

Il-Kummissjoni Ewropea għandha reġistru online tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw f'diversi programmi tal-UE, imsejjaħ ir-Reġistru tal-Benefiċjarji. Dan jippermetti l-ġestjoni konsistenti tad-*data* uffiċjali ta' organizzazzjonijiet differenti u jipprevjeni talbiet multipli tal-istess informazzjoni.

Bil-profil tal-EU Login għandek, tista' tipproċedi għall-pass li jmiss, li huwa li tirreġistra l-organizzazzjoni tiegħek, jekk tkun għadha ma ġietx irreġistrata. Tista' tiċċekkja fuq il-paġna tar-Reġistru tal-Benefiċjarji jekk l-organizzazzjoni tiegħek hijiex diġà rreġistrata:

<https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/how-to-participate/beneficiary-register>

Jekk ma ssibx l-organizzazzjoni tiegħek hemmhekk, u f'dan il-każ biss, għandek tibda l-proċess ta' reġistrazzjoni billi tikklikkja fuq "Register your organisation" (Irreġistra l-organizzazzjoni tiegħek).

Biex tlesti dan il-proċess ta' reġistrazzjoni, se jkollok bżonn tipprovdi informazzjoni dwar l-istatus legali tal-entità tiegħek.

M'għandekx għalfejn tlesti l-proċess ta' reġistrazzjoni f'sessjoni waħda. Tista' ddaħħal xi informazzjoni, tissejvja u wara tkompli mill-paġna L-Organizzazzjoni(jiet) Tiegħi fit-taqsimha "Iż-Żona Tiegħi".

Ladarba r-reġistrazzjoni tiegħek tiġi ffinalizzata, se tirċievi **Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Parteċipant b'9 ċifri (numru PIC)**. Se jkollok bżonn in-numri PIC tal-koordinatur u tal-benefiċjarji l-oħra kollha (iżda mhux għas-sottokuntratturi) sabiex tipproċedi biex tlesti l-applikazzjoni.

Il-persuna li tirreġistra l-organizzazzjoni, imsejja "awtoreġistrant", tista' tissottometti aġġornamenti u tagħmel korrezzjonijiet mill-paġna L-Organizzazzjoni(jiet) Tiegħi fit-taqsimha Iż-Żona Tiegħi.

**Jekk jogħġbok innota li abbozzi ta' reġistrazzjonijiet mhux kompluti jitħassru awtomatikament wara sena.**

## 2. ĦOLQIEN TA' PROPOSTI

Ladarba tkun għażilt sejħa u suġġett, tista' tibda toħloq l-abbozz tal-proposta tiegħek. Tutorial pass pass huwa disponibbli fil-link li ġej:

<https://webgate.ec.europa.eu/funding/display/ECResearchGMS/Step+3+Create+a+Draft+Proposal+WebForm>

Jekk jogħġbok innota li għandek il-possibbiltà li tissejvja l-proposta tiegħek u terġa' tiġi lura għaliha fi stadju aktar tard. Għal struzzjonijiet dwar kif tagħmel dan, jekk jogħġbok uża l-link li ġej:

<https://webgate.ec.europa.eu/funding/display/ECResearchGMS/Step+5+Edit+and+Complete+Proposal+WebForm>

## 2.1. Aqżel sejħa u suġġett

**Innota li l-aċċess għas-Sistema elettronika għall-preżentazzjoni huwa disponibbli biss wara li jintgħażlu sejħa u suġġett.**

Is-sejriet għal proposti għall-promozzjoni ta' prodotti agrikoli huma disponibbli fuq il-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti fuq <https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/programs/agrip>

Għal deskrizzjoni dettaljata dwar kif tagħmel dan, jekk jogħġbok ara:

<https://webgate.ec.europa.eu/funding/display/ECResearchGMS/Steps+1+and+2+Logging+in+and+Selecting+a+Topic+WebForm>

## 2.2. *Formola ta' applikazzjoni*

Il-formola ta' applikazzjoni hija strutturata f'żewġ partijiet, Partijiet A u B:

- Parti A: fiha l-formoli amministrattivi strutturati bid-*data* dwar il-parteċipanti, id-dikjarazzjonijiet legali u l-persuni ta' kuntatt (mill-iskrins tas-Sistema ta' Sottomissjoni). Din tista' tinkludi wkoll xi mistoqsijiet speċifiċi għas-sejħa li ġeneralment iservu biex jissorveljaw il-programm.
- Parti B (il-parti narrattiva): deskrizzjoni teknika tal-proġett bl-attivitajiet ippjanati, il-pakketti ta' ħidma, l-kostijiet, eċċ. (għandha tittella' bħala PDF).

Parti A tiġi ġġenerata waqt id-dħul tad-*data* fis-Sistema ta' Sottomissjoni; Parti B jeħtieġ li titħejja bil-quddiem (billi jintuża l-mudell imniżżel mis-sistema).

### 2.2.1. *Parti A – Formola amministrattiva*

Parti A tinkludi l-oqsma tal-informazzjoni meħtieġa, il-listi ta' kontroll u d-dikjarazzjonijiet li għandhom jimgħaw u jgħaw direttament permezz tal-għodda għas-sottomissjoni online.

L-istruzzjonijiet li ġejjin huma rilevanti għall-applikazzjonijiet sottomessi minn diversi applikanti. Jekk dan ma jkunx il-każ, ir-referenza għall-koordinatur għandha tapplika għall-applikant uniku.

**Innota li sabiex titlesta Parti A u fil-każ ta' azzjonijiet sottomessi minn diversi applikanti:**

- Il-koordinatur huwa responsabbli għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.
- L-applikanti l-oħra kollha (mhux is-sottokuntratturi) għandhom jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Benefiċjarji u jikkomunikaw il-PICs tagħhom lill-koordinatur.
- L-applikanti l-oħra kollha għandhom ikunu wettqu awtokontroll tal-vijabbiltà finanzjarja, permezz ta': <https://ec.europa.eu/research/participants/lfv/lfvSimulation.do>
- Il-koordinatur għandu jkollu l-baġit ta' azzjoni għal kull applikant u għandu jindikah fil-formola.

Fis-sottotaqsima "Dikjarazzjonijiet" tal-Parti A, hemm ukoll numru ta' awtodikjarazzjonijiet li għandhom isiru mill-koordinatur billi jikklikkja fuq il-kaxxi

korrispondenti. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom l-għan li jikkonfermaw li l-kriterji varji stabbiliti fi ħdan il-qafas legali huma rrispettati.

Jekk il-proposta tinżamm għall-finanzjament tal-UE, l-applikanti se jkunu meħtieġa jiffirmaw dikjarazzjoni ta' unur dwar il-kriterji ta' esklużjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' għotja.

Ir-raġuni għaliex inti mitlub li tagħmel awtokontroll tal-kapaċità finanzjarja tiegħek u timmarka l-kaxxi tal-awtodikjarazzjonijiet hija biex tkun avżat li, f'każ li l-kapaċità finanzjarja tiegħek tkun dgħajfa, spjegazzjoni dettaljata dwar is-sorsi ta' finanzjament meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni jeħtieġ li tiġi inkluża fil-Parti B.

### **Riżultat bħal dan m'għandux jiskoraġġik milli tressaq il-proposta tiegħek.**

Il-koordinatur se jikkodifika l-kodiċi PIC tal-organizzazzjoni u ta' kull applikant ieħor (ara l-kapitolu 1.2 ta' din il-gwida). Parti mid-*data* amministrattiva se timtela awtomatikament wara li jiġi kodifikat il-kodiċi PIC.

### **Innota li huma eliġibbli biss organizzazzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru tal-UE.**

Sussegwentement, il-koordinatur (jew il-persuna mad-delegazzjoni rispettiva) se jkun mitlub jimla d-dettalji ta' kuntatt għal kull applikant.

#### *2.2.2. Parti B – Parti narrattiva*

Parti B tikkonċerna l-kontenut tekniku tal-proposta. Sabiex tiġi ffaċilitata l-preparazzjoni tagħha, l-applikanti għandhom jużaw il-**mudell ipprovdut fis-sistema** u jsegu l-istruzzjonijiet speċifiċi mogħtija.

#### **NOTA:** Il-paġni għandhom jiġu nnumerati

Jekk jogħġbok innota li hemm numru limitat ta' paġni permess għal din il-parti: mimlija, Parti B m'għandux ikollha aktar minn **70 paġna**.

Għaldaqstant, it-tabelli kollha jeħtieġ li jiġu inklużi f'dan il-limitu. Id-**daqs** minimu permess tat-tipa huwa ta' **10**.

Id-daqs tal-paġna huwa A4, u l-marġnijiet kollha (fuq, isfel, xellug, lemin) għandhom ikunu mill-inqas ta' 15-il mm (ma jinkludux il-footers jew headers).

### **Il-mudelli għall-Parti B u l-annessi differenti huma aċċessibbli permezz tas-Sistema elettronika għall-preżentazzjoni.**

**Wara li timtela l-informazzjoni meħtieġa għall-Parti A tal-formola għas-sottomissjoni online, jista' jitniżżel fajl ikkumpressat ("zip") li jkun fih il-mudelli kollha.**

Huwa importanti ħafna li ttella' d-dokument mitlub fil-**format xieraq (f'PDF)** taħt l-intestatura korrispondenti. Żbalji f'dan il-proċess jistgħu jirriżultaw fi proposta mhux kompluta u jistgħu jpoġġu f'riskju l-applikazzjoni sħiħa tiegħek.

**Għaldaqstant, qabel ma tagħlaq il-proċedura tal-applikazzjoni jew qabel ma toħroġ mill-kont, erġa' ara li l-annessi tiegħek huma f'format pdf u li l-kontenut tad-dokumenti tiegħek jaqbel mal-intestaturi mogħtija tal-għodda għas-sottomissjoni online.**

Hija r-responsabbiltà tiegħek li ttella' d-dokumenti korretti b'suċċess.



**Jekk jogħġbok innota li dokument pdf wieħed biss jista' jittella' għal kull wieħed mill-annessi meħtieġa.**

**B'konsegwenza, għal ċerti annessi, l-applikant(i) jeħtieġ(u) li jiġġenera(w) PDF wieħed.**

**Dan japplika wkoll għal proġetti li jinvolvu diversi applikanti. Għandha tinġabar l-informazzjoni rilevanti għall-applikanti kollha sabiex ikun hemm dokument wieħed għal kull anness.**

### **3. TLESTIJA TAS-SOTTOMISSJONI**

#### **3.1. Skadenza għas-sottomissjoni**

L-iskadenza għas-sottomissjoni hija indikata fis-sejħa għal proposti.

**Is-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni tħallik tibdel/taġġorna l-proposta fi kwalunkwe ħin qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni.**

**Biex tara u/jew tibdel il-proposta sottomessa tiegħek, mur fil-paġna "My Proposals" (Il-Proposti Tiegħi) fil-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti.**

**Sakemm is-sejha ma tkunx ingħalqet, il-verżjoni l-ġdida sottomessa se tħassar dik preċedenti.**

Wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti, il-bidliet jew iż-żidiet ma jibqgħux possibbli.

**Huwa importanti ħafna li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata tal-iskadenza biex tissottometti l-proposta tiegħek.**

**Hekk jiżdied b'mod sinifikanti r-riskju li tinqala' problema fl-aħħar minuta li timblokka s-sottomissjoni tiegħek.**

Waqt li tissottometti l-proposta tiegħek, is-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni se twettaq kontrolli bażiċi ta' verifika: kompletezza tal-proposta, konsistenza fid-*data* interna, infezzjoni ta' virus, tipi ta' fajls, limitazzjonijiet tad-daqs eċċ.

Jekk tonqos milli tissottometti l-proposta tiegħek sal-iskadenza tas-sejħa, il-proposta tiegħek mhijiex se tiġi kkunsidrata mis-sistema u mhijiex se tiġi kkunsidrata bħala sottomessa.

**Jekk jogħġbok tibgħatx il-proposta tiegħek bil-posta jew b'email lill-Aġenzija eżekuttiva peress li se jitqiesu validi biss sottomissjonijiet permezz tas-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni.**

#### **3.2. Rikonoxximent tar-riċevuta**

Id-*data* u l-ħin tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni se jiġu rreġistrati awtomatikament u se jintbagħat rikonoxximent tar-riċevuta lill-koordinatur b'email.

**Jekk ma tirċevix email bir-rikonoxximent tar-riċevuta, dan ifisser li l-proposta MA ĠIETX sottomessa.**

**F'dak il-każ partikolari tista' tikkuntattja lill-Helpdesk tal-IT.**

### 3.3. Kif għandu jintbagħat ilment

Jekk taħseb li s-sottomissjoni ma rnexxietx minħabba nuqqas fis-Sistema Elettronika għall-Preżentazzjoni, tista' tressaq ilment permezz tal-Helpdesk tal-IT fuq il-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti **fi żmien 4 ijiem kalendarji**, fejn tispjega ċ-ċirkostanzi u tehmeż kopja tal-proposta. Il-metodu biex jintbagħat ilment dwar aspetti oħra ta' sottomissjoni huwa spjegat fl-informazzjoni li tirċievi permezz tas-sistema elettronika ta' skambju (ara t-taqsim "Iż-Żona Tiegħi" tal-Portal ta' opportunitajiet għall-finanzjament u għall-offerti).